# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

### Seduta ta' nhar it-Tnejn 21 ta' Mejju, 2001

**Numru: 6**
**Citaz. numru: 773/01/RCP**

**Maria Dolores Scicluna**

**vs**

**Rockleys Properties Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni attrici li bih l-attrici wara li ppremettiet:

Illi l-attrici tinsab kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' ghaxart elef lira Maltin (LM10,000), rapprezentanti l-valur ta' kambjala iffirmata mill-istess socjeta' konvenuta favur l-attrici liema kambjala (hawn annessa u mmarkata Dok A) skadiet fit-12 ta' Frar 2001 u baqghet ma thallsitx;

Illi ghalkemm debitament interpellata, anki ufficjalment biex thallas dan l-ammont, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi l-ammont mitlub huwa cert, likwidu u dovut;

Illi s-socjeta' konvenuta m'ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq;

L-istess attrici ghalhekk talbet li l-istess socjeta' konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, dispensat is-smiegh tal-kawza skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 167 et. seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) tal-Ligijiet ta' Malta, u in vista ta' l-affidavit guramentat hawn annessa u mmarkata bhala Dok B;

(1) tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ammont ta' ghaxart elef lira Maltin (LM10,000), rapprezentanti l-valur ta' kambjala iffirmata mill-istess socjeta' konvenuta favur l-attrici, liema kambjala (hawn annessa u mmarkata Dok A) skadiet fit-12 ta' Frar, 2001, u baqghet ma thallsitx;

Bl-ispejjez, inkluz ta' l-ittra ufficjali datata Marzu, 2001 u bl-imghax legali kontra s-socjeta' konvenuta, li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tal-attrici;

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta` konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tas-socjeta` konvenuta **tilqa’ t-talba attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b’dan illi:

(1) tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ammont ta' ghaxart elef lira Maltin (LM10,000), rapprezentanti l-valur ta' kambjala iffirmata mill-istess socjeta' konvenuta favur l-attrici, liema kambjala (hawn annessa u mmarkata Dok A) skadiet fit-12 ta' Frar, 2001, u baqghet ma thallsitx;

Bl-ispejjez, inkluz ta' l-ittra ufficjali datata Marzu, 2001 u bl-imghax legali kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**21 ta’ Mejju, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**21 ta’ Mejju, 2001**